

Brussell, 26 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8860/25
PV CONS 21
EDUC 146
JEUN 69
CULT 49
AUDIO 40
SPORT 25
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)
12 u 13 ta' Mejju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 8437/25.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġislattiva

8508/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-addendum.

Attivitajiet mhux leġislattivi

ŻGĦAŻAGĦ

**3. Konklużjonijiet dwar komunità ta' żgħażaġh fl-Ewropa
bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura
*Approvazzjoni***

 7942/25
+ ADD 1 REV 1
+ ADD 2
+ **REV 2 (fr, de, it,
nl, el, lv, hr, ga)**

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija u l-Ungerija jinsabu fl-Anness.

**4. Riżoluzzjoni li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza
tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ
*Approvazzjoni***

 7943/25 + COR 1
+ **REV 1 (de, nl, el,
fi, lv, hr, ga)**
+ **REV 2 (it)**

Il-Kunsill approva r-riżoluzzjoni kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

5. **Diżinformazzjoni, manipulazzjoni u theddid fiċ-ċiberspazju u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taż-żgħażaġh**  7947/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Diżinformazzjoni, manipulazzjoni u theddid fiċ-ċiberspazju u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taż-żgħażaġh" abbażi tan-nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

EDUKAZZJONI

6. **Konklużjonijiet dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika**  6509/25 + ADD1-2 + ADD 1 COR 1 (ro) + REV 1 (mt, sk, sl, ro, hr) + REV 2 (hu) + REV 3 (ga)
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u mill-Iżvezja jinsabu fl-Anness.

7. **Riżoluzzjoni dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea**  8671/25 + COR 1 (el) + ADD1-3 + ADD 1 COR 1 (el) + ADD 2 COR 1 (el) + ADD 3 COR 1 (el)
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva r-riżoluzzjoni kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni, mill-Estonja u mill-Ungerija jinsabu fl-Anness.

8. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonossiment fl-edukazzjoni għolja**   8672/25 + ADD 1-3 (*)
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 165(4) (TFUE))
Adozzjoni

Il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjoni kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni, mill-Estonja u mill-Ungerija jinsabu fl-Anness.

9. **Ir-rwol tal-Unjoni tal-Ħiliet fit-tisħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni** 8086/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Ir-rwol tal-Unjoni tal-Ħiliet fit-tisħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni" abbażi tan-nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

10. Żgħażaġħ

- a) **Riżultati tad-diskussjoni fil-laqgħa informali waqt il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh¹** 8086/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) L-impatt tal-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja fuq iż-
żgħażaġh Ukreni² 8182/25
Informazzjoni mill-Presidenza
- c) Il-kontribut tal-kooperazzjoni tal-UE permezz tal-politika
għaż-żgħażaġh fit-trawwim ta' tifikira Ewropea kondiviża u
t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE 8378/25
Informazzjoni mil-Litwanja, l-Estonja u l-Latvja
- d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

Edukazzjoni

- e) **Il-promozzjoni tal-għarfien tal-UE permezz tal-
edukazzjoni** 7979/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

¹ Fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Polonja u rappreżentant tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

² Fil-preżenza tal-Ministru u l-Viċi Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna.

- f) **L-impatt negattiv tal-użu tal-ismartphones fl-iskejjel**  8166/25
Informazzjoni mill-Awstrija, Franza, l-Italja, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, Franza, l-Italja, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Iżvezja. Il-Belġju, Ċipru, il-Greċja, il-Litwanja u l-Lussemburgu ukoll esprimew l-appoġġ tagħhom bil-fomm matul il-laqgħa.

- g) **Konferenza Informali "Sena wara l-Laqgħa Ministerjali tal-G7 dwar l-Edukazzjoni: x'passi għandhom jittieħdu biex tittejjeb aktar il-kooperazzjoni dwar l-edukazzjoni?" (Ruma, 27-28 ta' Ġunju 2025)**  8167/25
Informazzjoni mill-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja.

- h) **Is-7 Forum Globali tal-OECD dwar il-Futur tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet 2040 (Bratislava, 24-26 ta' Novembru 2025)** 8560/25
Informazzjoni mis-Slovakkja
- i) **Il-kontribut tal-kooperazzjoni tal-UE fl-edukazzjoni biex tizzied is-sensibilizzazzjoni dwar ir-reġimi totalitarji u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE** 8577/1/25 REV 1
Informazzjoni mil-Litwanja, l-Estonja u l-Latvja
- j) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-Danimarka

LAQGĦA TAT-TLIETA, 13 TA' MEJJU 2025

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

KULTURA, AWDJOVIŻIV U MEDIA

11. **Konklużjonijiet dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom**  7635/25
Approvazzjoni + REV 1 (de, el, sv, lv, hu, sk, ga)

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

12. **Konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-qafas legali għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u s-servizzi tal-pjattaforma ta' video-sharing** [2] 7710/25
+ REV 1 (fr, fi, sv, lv, hu, pl, sk, ga)
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

13. **Approċċ ġdid għall-kultura fl-Unjoni Ewropea: il-Kumpass Kulturali u l-futur tal-Programm Ewropa Kreattiva** [2] 7679/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett "Approċċ ġdid għall-kultura fl-Unjoni Ewropea: il-Boxxla Kulturali u l-futur tal-Programm Ewropa Kreattiva" abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

SPORT

14. **Konklużjonijiet dwar approċċ integrat għall-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni** [2] 8186//25 + ADD 1
+ ADD 1 REV 1 (it)
+ REV 1 (sv, pl, sl, hr, ga)
+ REV 2 (it)
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq u qabel li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija tinsab fl-Anness.

15. **Ir-rwol tal-atleti fil-ħolqien ta' politiki tal-isport³** [2] 8187/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Ir-rwol tal-atleti fil-ħolqien ta' politiki tal-isport" abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

³ Fil-preżenza ta' Membru tal-Komitat Olimpiku Internazzjonali.

Affarijiet oħra

16. Kultura, Awdjoviżiv u Media

- a) **It-trasparenza tas-sjieda u l-finanzjament tal-media** [2] 8382/25
Informazzjoni mill-Kroazja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja.

- b) **Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2029: Kiruna** [2] 8071/25
Informazzjoni mill-Iżvezja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja.

- c) **White Paper ta' Chemnitz - 40 rakkomandazzjoni minn 40 sena tal-programm tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura (ECoC)** [2] 8580/25
Informazzjoni mill-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja.

- d) **Il-valur tas-setturi tal-kultura u dak kreattiv fl-iżvilupp tal-IA: is-salvagwardja tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati u l-iżgurar tat-trasparenza skont l-Att dwar l-IA** [2] 8188/2/25 REV 2
Informazzjoni mill-Italja, il-Portugall, Spanja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, il-Portugall, Spanja u l-Ungerija u appoġġati verbalment minn Franza.

- e) **MONDIACULT 2025 - Konferenza Dinjija tal-UNESCO dwar il-Politiki Kulturali u l-Iżvilupp Sostenibbli (Barċellona, 29-30 ta' Settembru – 1 ta' Ottubru 2025)** [2] 8485/25
Informazzjoni minn Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja.

- f) **Il-katalizzazzjoni tal-appoġġ globali għall-kultura u l-wirt kulturali tal-Ukrajna fil-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna 2025 (Ruma, 10-11 ta' Lulju 2025)** [2] 8562/25
Informazzjoni mill-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja.

- g) **Is-suċċessi tal-Mudell Ewropew ta' Finanzzjament u Regolamentazzjoni għall-ħolqien ta' films u dak awdjoviżiv⁴**  8623/25
Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- h) Il-kontribut tal-Kultura għall-preparatezza tal-UE: 8559/25
preservazzjoni fit-tul tal-wirt kulturali diġitali
Informazzjoni mill-Estonja
- i) Il-kontribut tal-kooperazzjoni tal-UE fil-kultura għat- 8564/1/25 REV 1
tifkira Ewropea kondiwiża u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE
Informazzjoni mil-Litwanja, l-Estonja, il-Latvja u Spanja
- j) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

Sport

- k) Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA): Laqgħa tal- 8510/25
Bord ta' Fondazzjoni (5 ta' Diċembru 2024)
Informazzjoni mir-Rappreżentant tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA
- l) **Id-Dimensjoni Ewropea u Soċjali tal-XXV Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa (Milan-Cortina 2026): avvenimenti sportivi kbar, il-Mudell Ewropew tal-Isport, u r-rwol tal-volontarjat**  8185/25
Informazzjoni mill-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja.

- m) **9 ta' Mejju 2025: l-isport jiċċelebra Jum l-Ewropa**  8519/25
Informazzjoni minn Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja.

⁴ Fil-preżenza ta' direttur, xeneġġatur u produttur tal-films Franċiż.

- n) L-impatt tal-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja fuq is-
settur sportiv tal-Ukrajna⁵ 8184/25
Informazzjoni mill-Presidenza
- o) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

-
- 2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- (*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

⁵ Fil-preżenza tal-Ministru u l-Viċi Ministru għaż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Ukrajna.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 8437/25

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Konklużjonijiet dwar komunità ta' żgħażagħ fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, u tibqa' ddedikata għall-impenji tagħha marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u għall-iżgurar tal-ugwaljanza u l-għlieda kontra d-diskriminazzjoni bħala valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar komunità ta' żgħażagħ fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura jirreferu għal dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025 u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025 tal-KE, li fihom definizzjonijiet, termini jew espressjonijiet li mhumiex kompatibbli mal-fehim binarju ta' "ġeneru" skont id-dritt tal-Bulgarija.

F'konformità mad-Deċiżjonijiet Nru 13/2018 u Nru 15/2021 tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, il-Bulgarija żżomm id-dritt li tapplika l-Konklużjonijiet bil-fehim li l-kunċett ta' ġeneru għandu tifsira purament bijoloġika u huwa bijoloġikament ibbażat fuq il-binariju tal-ġeneru, jiġifieri l-eżistenza ta' żewġ sessi opposti, dak maskil u dak femminil."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija temmen li l-approċċ tal-Presidenza lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa bbażat fuq kompromess ibbilanċjat b'mod delikat u għalhekk aħna nappoġġaw l-approċċ attwali tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar komunità ta' żgħażagħ fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura.

L-Ungerija qed tappoġġa approċċ komprensiv għall-politiki relatati maż-żgħażagħ u tqis li huwa importanti li biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċaw iż-żgħażagħ jeħtieġu l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni komprensiva tagħhom, b'mod partikolari fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Aħna nqisu li huwa essenzjali li nappoġġaw liż-żgħażagħ u nagħtuhom is-setgħa b'viżjoni għal futur sikur u inklużiv.

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar komunità ta' żgħażagħ fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura.

L-Ungerija tiddikjara li l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 (COM (2020) 152 final) imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar komunità ta' żgħażaġh fl-Ewropa bbażata fuq il-valuri Ewropej għal Ewropa komuni u sikura għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

Dwar il-punt "B"
nru 6:

**Konklużjonijiet dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-
edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika**
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kull persuna għandha d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollha aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa. L-Ungerija tintrabat li tissodisfa u tippromwovi dan id-dritt kif ukoll li tiżgura trattament u parteċipazzjoni ugwali għal kulħadd, speċjalment it-tfal.

B'kont meħud tal-fatt li l-liġi tal-familja essenzjalment taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "familji kollha" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika, f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"L-Iżvezja tixtieq tispjega għaliex ma taqbilx għalkollox mal-kontenut tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika. Madankollu, l-Iżvezja ma topponix l-approvazzjoni tal-konklużjonijiet.

L-Att Żvediż dwar l-Edukazzjoni jistqarr b'mod ċar li t-tfal u l-istudenti kollha f'kull tip ta' skola u kull tip ta' kura wara l-iskola jridu jingħataw il-gwida u l-istimulazzjoni li jeħtieġu fit-tagħlim u fl-iżvilupp personali tagħhom. L-istudenti li, minħabba diżabilità, ikollhom diffikultajiet biex jissodisfaw id-diversi kriterji ta' klassifikazzjoni jew il-kriterji rilevanti għall-valutazzjoni tal-għarfien, għandhom jingħataw appoġġ immirat li jikkontrobatti kemm jista' jkun il-konsegwenzi tad-diżabilità. Barra minn hekk, l-Iżvezja hija wieħed mill-pajjiżi li ilhom żmien twil jimplementaw aġenda inklużiva b'saħħitha fl-edukazzjoni, u l-politiki inklużivi ilhom parti integrali kemm mit-teorija kif ukoll mill-prattika fl-Iżvezja. L-esperjenza tal-Iżvezja turi li filwaqt li l-edukazzjoni inklużiva għandha l-ħin u l-post tagħha, tista' tkun ukoll kontroproduktiva. Meta għalliem ikun mistenni jipprovdi miżuri ta' appoġġ differenti lil diversi studenti fl-istess klassi, hemm riskju li l-inklużjoni, mil-lat tat-tagħlim tal-istudenti kollha flimkien, fil-fatt issir esklużjoni, bħala riżultat tal-fatt li fil-prattika l-istudenti ma jingħatawx l-appoġġ individwalizzat li jeħtieġu.

Il-Gvern Żvediż għalhekk jixtieq jenfasizza li mhuwiex fatt li l-istudenti kollha li jeħtieġu miżuri ta' appoġġ jirċevuhom bl-aħjar mod possibbli fil-kuntest ta' tagħlim regolari jew fi klassijiet regolari. F'xi każijiet, huma meħtieġa miżuri ta' appoġġ barra mit-tagħlim regolari. Dawn jistgħu jinkludu miżuri biex jittejbu l-ħiliet bażiċi fil-qari u l-kitba, iżda wkoll appoġġ minn għalliema tal-edukazzjoni speċjali, aċċess għal gruppi iżgħar ta' tagħlim u aċċess għal servizzi tas-saħħa tal-istudenti ta' kwalità għolja.

Għal din ir-raġuni, l-Iżvezja tixtieq tirrimarka li l-konklużjonijiet tal-Kunsill issuġġeriti ma jirriflettux b'mod adegwat il-kumplessità u l-isfumaturi li huma parti mill-prattika skolastika ta' kuljum."

Dwar il-punt "B"
nru 7:

Riżoluzzjoni dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni sodisfatta bl-abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u bl-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u bl-attenzjoni mogħtija lill-proġett għal lawrja Ewropea u s-sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonoxximent, li huma l-kontributuri ewlenin biex jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna jkollhom l-għodod it-tajba biex iħejju lill-Ewropej tal-ġenerazzjonijiet kollha għal ġejjieni li qed jinbidel malajr, permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tat-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u inklużivi. Il-Kummissjoni tqis it-talba tal-Kunsill għall-passi li jmiss u se tagħtiha l-attenzjoni dovuta. Madankollu, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li twieġeb skont ir-regoli tat-Trattat, b'kont meħud partikolarment tad-dritt tagħha ta' inizzjattiva u tar-riżorsi umani u baġitarji għad-disponibbiltà tagħha."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja ttenni l-impenn qawwi tagħha għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u tappoġġa l-iżvilupp ta' programmi konġunti li jsaħħu l-kompetittività tal-Ewropa u jrawmu l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħna. Aħna konvinti li l-programmi konġunti kollha - meta jiġu rrispettati l-valuri ewlenin taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, inkluż il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, u l-istat tad-dritt — iridu jiġu ttrattati b'rispett u rikonoxximent ugwali.

Fil-kuntest tal-lawrja Ewropea proposta, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet u l-interessi ta' komunitajiet lingwistiċi iżgħar. **L-Estonja hija impenjata bis-sħiħ li tippreserva u tippromwovi l-edukazzjoni għolja fil-lingwa Estonjana.** Filwaqt li l-internazzjonalizzazzjoni u l-użu tal-Ingliż iġibu benefiċċji importanti, irridu niżguraw li tiġi protetta d-diversità lingwistika u kulturali rikka tal-Ewropa. Għall-Estonja, is-salvagwardja tal-edukazzjoni għolja bil-lingwa Estonjana mhijiex biss għażla ta' politika — hija kwistjoni ta' identità nazzjonali, demokrazija, u reżiljenza tas-soċjetà, b'mod partikolari fil-kuntest tal-isfidi għas-sigurtà tal-lum li qed jevolvu. Huwa essenzjali li sistemi u istituzzjonijiet iżgħar ma jitpoġġewx fi żvantaġġ minn oqfsa li ma jqisux biżżejjed il-kuntesti speċifiċi tagħhom.

Intennu wkoll l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li żviluppajna b'mod konġunt taħt il-Proċess ta' Bologna. L-Estonja ma tarax il-valur miżjud tal-introduzzjoni ta' qafas ġdid transistituzzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Aħna nemmnu li dan ser iżid kumplessità u piż amministrattiv bla bżonn. Minflok, nappellaw għal approċċ istituzzjonali b'saħħtu għall-assigurazzjoni tal-kwalità bbażat b'mod sod fuq l-għodod u l-oqfsa eżistenti, bir-rikonoxximent awtomatiku tar-riżultati tal-akkreditazzjoni nazzjonali meta jitnedew programmi konġunti. Dan għandu jgħin biex titnaqqas il-burokrazija u jiġi appoġġat l-għan tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki. Il-modi biex tissaħħaħ aktar il-fiduċja reċiproka fis-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandhom ukoll jiġu ttestjati b'mod rigoruż, l-istudju tal-fattibbiltà għandu jsir mhux biss għal-lawrja Ewropea proposta, iżda wkoll għal soluzzjonijiet alternattivi biex jintlaħqu l-għanijiet. Għalhekk, **l-Estonja tappoġġa approċċ miftuħ u prammatiku, mingħajr ma tiddefinixxi minn qabel l-eżiti.** Aħna nemmnu li l-lawrja Ewropea konġunta proposta għandha tiġi esplorata flimkien ma' soluzzjonijiet alternattivi li jippromwovu kooperazzjoni effettiva fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, filwaqt li jiġu rrispettati l-kuntesti nazzjonali.

Kwalunkwe inizzjattiva ġdida trid tkun inklużiva, filwaqt li tiżgura li s-sistemi nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kollha - irrISPettivament mid-daqs - jingħataw is-setgħa li jipparteċipaw u jibbenefikaw mill-miżuri komuni tagħna. Is-saħħa tal-Ewropa tinsab f'id-diversità tagħha, u l-għan irid ikun li tinbena sistema ta' edukazzjoni għolja kompetittiva, koeżiva u li tibqa' valida fil-futur li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.

L-Estonja tibqa' impenjata għal Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja bbażata fuq il-fiduċja reċiproka, il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, l-inklużività u r-rispett għad-diversità. Dawn il-valuri jridu jkomplu jiggwidawna hekk kif nimxu 'l quddiem flimkien."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tqis li l-internazzjonalizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja hija vitali għall-kompetittività tal-Ewropa. Il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja għandha tiġi ffaċilitata b'mod verament inklużiv, billi jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs lill-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, inkluż l-opportunità tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta. F'dan il-kuntest, l-Ungerija jiddispjaċiha li l-parteċipazzjoni fl-Erasmus+ u l-programm Orizzont Ewropa, bħalissa hija mxejjla għal għadd sinifikanti ta' universitajiet Ungeriżi, riżultat ta' miżura imposta bid-*Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija*. Din ir-restrizzjoni hija ostaklu enormi għall-kooperazzjoni Ewropea, u ser toħloq ħsara irriversibbli mhux biss liċ-ċittadini Ungeriżi u l-istudenti barranin fl-Ungerija li tħallew barra mill-programmi, iżda wkoll lill-komunità Ewropea kollha kemm hi.

Għalhekk, l-Ungerija tilqa' l-fatt li r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ekwu għar-riżorsi, inkluż il-finanzjament disponibbli tal-Unjoni, għall-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja kif ukoll b'approċċ inklużiv li jippermettilhom jibbenefikaw mill-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li l-ebda istituzzjoni ma titħalla lura fl-insewiment tal-eċċellenza u timpenja ruħha speċifikament għall-użu sħiħ tal-opportunitajiet offriti mill-programm Erasmus+ fl-Istati Membri kollha. Bi pjaċir ninnutaw, b'mod partikolari, li l-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ggarantiti dawn l-opportunitajiet lill-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja, irrISPettivament mill-forma tal-operat tagħhom, u b'hekk jiġu inklużi wkoll universitajiet mantnuti minn trusts ta' interess pubbliku u kkonċernati mill-miżura imposta mid-*Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506*. Dan huwa aktar u aktar importanti, peress li l-Ungerija ma tistax tikkontribwixxi bis-sħiħ biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fir-Riżoluzzjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sakemm l-universitajiet ikkonċernati jergġhu jiġu aċċertati bil-parteċipazzjoni fil-programm Erasmus+. Minkejja dan ta' hawn fuq, l-Ungerija tibqa' impenjata għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja. Għal dan l-għan, is-sena l-oħra tnieda l-Programm Pannonia biex jiżgura li l-istudenti Ungeriżi kollha jkollhom l-opportunità li jiksibu esperjenza internazzjonali.

L-Ungerija tinnota li l-Laboratorju ta' Politika ser ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri li huma membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Għolja tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (jew kwalunkwe grupp suċċessur stabbilit skont dan il-qafas) u esperti oħra delegati mill-Istati Membri. Għalhekk, huwa possibbli li jiġu ddelegati rappreżentanti universitarji u rappreżentanti tal-kumitati/awtoritajiet ta' akkreditazzjoni lil-Laboratorju ta' Politika.

L-Ungerija tilqa' wkoll ir-referenza fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill li tiċċara li l-azzjonijiet stabbiliti fiha għandhom jiġu inseqwiti filwaqt li jitqiesu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-oqfsa legali nazzjonali differenti u l-kriterji għat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta stipulati fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandhom jitfasslu b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-Ungerija tinnota li s-sistema edukattiva tagħha għandha l-għeruw fil-fond tagħha msejsa fuq l-identità nazzjonali, fit-tradizzjonijiet konstituzzjonali u fl-ordni ġuridiku tagħha inkluż id-Dritt Fundamentali tal-Ungerija, li għalhekk jenħtieġ li tiġi rispettata bis-sħiħ waqt l-stabbiliment ta' daww il-kriterji."

Dwar il-punt "B"
nru 8:

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonoxximent fl-edukazzjoni għolja
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 165(4) (TFUE)
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni sodisfatta bl-abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u bl-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u bl-attenzjoni mogħtija lill-proġett għal lawrja Ewropea u s-sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonoxximent, li huma l-kontributuri ewlenin biex jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna jkollhom l-għodod it-tajba biex iħejju lill-Ewropej tal-ġenerazzjonijiet kollha għal ġejjieni li qed jinbidel malajr, permezz tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tat-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u inklużivi. Il-Kummissjoni tqis it-talba tal-Kunsill għall-passi li jmiss u se tagħtiha l-attenzjoni dovuta. Madankollu, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li twieġeb skont ir-regoli tat-Trattat, b'kont meħud partikolarment tad-dritt tagħha ta' inizzjattiva u tar-riżorsi umani u baġitarji għad-disponibbiltà tagħha."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja ttenni l-impenn qawwi tagħha għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u tappoġġa l-iżvilupp ta' programmi konġunti li jsaħħu l-kompetittività tal-Ewropa u jrawmu l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħna. Aħna konvinti li l-programmi konġunti kollha - meta jiġu rrispettati l-valuri ewlenin taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, inkluż il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, u l-istat tad-dritt — iridu jiġu ttrattati b'rispett u rikonoxximent ugwali.

Fil-kuntest tal-lawrja Ewropea proposta, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet u l-interessi ta' komunitajiet lingwistiċi iżgħar. **L-Estonja hija impenjata bis-sħiħ li tippreserva u tippromwovi l-edukazzjoni għolja fil-lingwa Estonjana.** Filwaqt li l-internazzjonalizzazzjoni u l-użu tal-Ingliż iġibu benefiċċji importanti, irridu niżguraw li tiġi protetta d-diversità lingwistika u kulturali rikka tal-Ewropa. Għall-Estonja, is-salvagwardja tal-edukazzjoni għolja bil-lingwa Estonjana mhijiex biss għażla ta' politika — hija kwistjoni ta' identità nazzjonali, demokrazija, u reżiljenza tas-soċjetà, b'mod partikolari fil-kuntest tal-isfidi għas-sigurtà tal-lum li qed jevolvu. Huwa essenzjali li sistemi u istituzzjonijiet iżgħar ma jitpoġġewx fi żvantaġġ minn oqfsa li ma jkisux biżżejjed il-kuntesti speċifiċi tagħhom.

Intennu wkoll l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li żviluppajna b'mod konġunt taħt il-Proċess ta' Bologna. L-Estonja ma tarax il-valur miżjud tal-introduzzjoni ta' qafas ġdid transistituzzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Aħna nemmnu li dan ser iżid kumplessità u piż amministrattiv bla bżonn. Minflok, nappellaw għal approċċ istituzzjonali b'saħħtu għall-assigurazzjoni tal-kwalità bbażat b'mod sod fuq l-għodod u l-oqfsa eżistenti, bir-rikonossiment awtomatiku tar-riżultati tal-akkreditazzjoni nazzjonali meta jitnedew programmi konġunti. Dan għandu jgħin biex titnaqqas il-burokrazija u jiġi appoġġat l-għan tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki. Il-modi biex tissaħħaħ aktar il-fiduċja reċiproka fis-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandhom ukoll jiġu ttestjati b'mod rigoruż, l-istudju tal-fattibbiltà għandu jsir mhux biss għal-lawrja Ewropea proposta, iżda wkoll għal soluzzjonijiet alternattivi biex jintlaħqu l-għanijiet. Għalhekk, **l-Estonja tappoġġa approċċ miftuħ u prammatiku, mingħajr ma tiddefinixxi minn qabel l-eżiti.** Aħna nemmnu li l-lawrja Ewropea konġunta proposta għandha tiġi esplorata flimkien ma' soluzzjonijiet alternattivi li jippromwovu kooperazzjoni effettiva fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, filwaqt li jiġu rispettati l-kuntesti nazzjonali.

Kwalunkwe inizzjattiva għda trid tkun inklużiva, filwaqt li tiżgura li s-sistemi nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kollha - irrispettivament mid-daqs - jingħataw is-setgħa li jipparteċipaw u jibbenefikaw mill-miżuri komuni tagħna. Is-saħħa tal-Ewropa tinsab fid-diversità tagħha, u l-għan irid ikun li tinbena sistema ta' edukazzjoni għolja kompetittiva, koeżiva u li tibqa' valida fil-futur li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.

L-Estonja tibqa' impenjata għal Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja bbażata fuq il-fiduċja reċiproka, il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, l-inklużività u r-rispett għad-diversità. Dawn il-valuri jridu jkomplu jiggwidawna hekk kif nimxu 'l quddiem flimkien."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tqis li l-internazzjonalizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja hija vitali għall-kompetittività tal-Ewropa. Il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja għandha tiġi ffaċilitata b'mod verament inklużiv, billi jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs lill-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, inkluż l-opportunità tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta. F'dan il-kuntest, l-Ungerija jiddispaċiha li l-parteċipazzjoni fl-Erasmus+ u l-programm Orizzont Ewropa, bħalissa hija mxejnkla għal għadd sinifikanti ta' universitajiet Ungeriżi, riżultat ta' miżura imposta bid-*Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija.* Din ir-restrizzjoni hija ostaklu enormi għall-kooperazzjoni Ewropea, u ser toħloq ħsara irriversibbli mhux biss liċ-ċittadini Ungeriżi u l-istudenti barranin fl-Ungerija li tħallew barra mill-programmi, iżda wkoll lill-komunità Ewropea kollha kemm hi.

Għalhekk, l-Ungerija tilqa' l-fatt li r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ekwu għar-riżorsi, inkluż il-finanzjament disponibbli tal-Unjoni, għall-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja kif ukoll b'approċċ inklużiv li jippermettilhom jibbenefikaw mill-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat li l-ebda istituzzjoni ma titħalla lura fl-insewiment tal-eċċellenza u timpenja ruħha speċifikament għall-użu sħiħ tal-opportunitajiet offriti mill-programm Erasmus+ fl-Istati Membri kollha. Bi pjaċir ninnutaw, b'mod partikolari, li l-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ggarantiti dawn l-opportunitajiet lill-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja, irrispettivament mill-forma tal-operat tagħhom, u b'hekk jiġu inklużi wkoll universitajiet mantnuti minn trusts ta' interess pubbliku u kkonċernati mill-miżura imposta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506. Dan huwa aktar u aktar importanti, peress li l-Ungerija ma tistax tikkontribwixxi bis-sħiħ biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fir-Riżoluzzjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sakemm l-universitajiet ikkonċernati jerġgħu jiġu aċċertati bil-parteċipazzjoni fil-programm Erasmus+.

Minkejja dan ta' hawn fuq, l-Ungerija tibqa' impenjata għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja. Għal dan l-għan, is-sena l-oħra tnedja l-Programm Pannonia biex jiżgura li l-istudenti Ungeriżi kollha jkollhom l-opportunità li jkissbu esperjenza internazzjonali.

L-Ungerija tinnota li l-Laboratorju ta' Politika ser ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri li huma membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Għolja tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (jew kwalunkwe grupp suċċessur stabbilit skont dan il-qafas) u esperti oħra delegati mill-Istati Membri. Għalhekk, huwa possibbli li jiġu ddelegati rappreżentanti universitarji u rappreżentanti tal-kumitati/awtoritajiet ta' akkreditazzjoni lil-Laboratorju ta' Politika.

L-Ungerija tilqa' wkoll ir-referenza fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill li tiċċara li l-azzjonijiet stabbiliti fiha għandhom jiġu insegwiti filwaqt li jitqiesu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-oqfsa legali nazzjonali differenti u l-kriterji għat-tikketa ta' lawrja Ewropea konġunta stipulati fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandhom jitfasslu b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-Ungerija tinnota li s-sistema edukattiva tagħha għandha l-għeruf fil-fond tagħha msejsa fuq l-identità nazzjonali, fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali u fl-ordni ġuridiku tagħha inkluż id-Dritt Fundamentali tal-Ungerija, li għalhekk jenħtieġ li tiġi rispettata bis-sħiħ waqt l-stabbiliment ta' dawk il-kriterji."

Dwar il-punt "B"
nru 14:

Konklużjonijiet dwar approċċ integrat għall-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-ġeneru bħala dak li jipprovdi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-ġhoti ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar approċċ integrat għall-isport u l-attività fiżika fil-kuntest tal-edukazzjoni."